MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 274/2009

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li jippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Dicembru 2000, gewwa l-Knisja ta' *omissis, omissis (post),* kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dokument A);

Illi l-partijiet isseparaw fid-19 ta' Ottubru 2006, permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar E F (Dokument B);

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta’ l-elementi essenzjali fil-hajja mizzewga, u senjatament huma eskludew b’mod pozittiv il-possibilita’ li jkollhom it-tfal kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz odjern;

Illi inoltre l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-9 ta’ Dicembru 2000, huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u konsegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C D fejn din eccepiet:

Illi l-esponenti taqbel illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fid-9 ta’ Dicembru 2000, huwa null u minghajr effett, ghall-istess kawzali imsemmija mir-rikorrent fir-rikors guramentat, izda pero’ imputabbli unikament lir-rikorrent, billi ma hemm l-ebda *caput nullitatis* li jista’ jigi attribwit lill-intimata ghan-nullita’ ta’ dan iz-zwieg.

Illi, ghaldaqstant, l-intimata m’ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ din il-procedura.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi r-rikorrent f'din il-kawza isostni illi z-zwieg tieghu mal-intimata ghandu jigi dikjarat null ghaliex huma t-tnejn eskludew li jkollhom l-ulied. Isostni wkoll li l-kunsens taghha kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju a tenur tal-Art. 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tibda biex teskludi addirittura l-ezistenza ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif kontemplat fil-ligi u kif konsistentement ritenut u interpretat minn dawn il-Qrati.

Fis-sentenza "**Kevin Spiteri vs Avukat Dr. Renzo Porsella Flores et noe**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-18 ta' Jannar 2000), din il-Qorti diversament presjeduta hekk ikkwotat lil Viladrich P.J.:

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring" (Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686)*."

Ukoll fl-10 ta' Settembru 1997, fil-kawza "**Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla):

"*Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm dan in-nuqqas jew difett*

*serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (Isabelle Zarb vs Stephen Attard, gja' citata). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati, il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss li l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli, mhux semplicement difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia li jassumihom*".

Fil-kawza "**Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-26 ta' Ottubru 2000), il-Qorti irriteniet illi jkun jezisti d-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba:

"*Fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi minn dik il-fakolta' kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju (ara, "**Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri**", P.A., 10/11/95). Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ("**Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt**", P.A., 15/4/96). Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita' psikika*

*(mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, "**Jacqueline Cousin v. Bernard Simler**", P.A., 3/6/98; "**Rosanne Cassar v. Kenneth Cassar**", P.A., 19/10/98; u "**Carmelo Grima v. Mary Andrews**", P.A., 2/11/98)*".

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-Qorti ma ssib ebda hjiel ta' difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-partijiet f'din il-kawza u ghalhekk din il-kawzali qed tigi minnufih skartata.

Ir-rikorrent, madanakollu, isejjes l-azzjoni tieghu ukoll fuq il-provvediment tal-Art. 19(1)(f), li testwalment jipprovdi illi zwieg jigi dikjarat null:

"*Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Jinghad mill-ewwel illi fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz, dawn il-Qrati dejjem sostnew illi:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*." ("**John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Ottubru, 2002).

Fil-kawza "**Adrian Fenech vs Tania Balzan et**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-27 ta' April, 2001):

"*Il-prokreazzjoni tat-tfal huwa element essenzjali tal-hajja mizzewga u ghalhekk l-eskluzjoni pozittiva ta' din il-prokreazzjoni tivvizzja l-kunsens u twassal ghan-nullita' taz-zwieg taht is-subinciz tal-Artikolu 19 (1) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta*".

Fil-kaz in ezami, ir-rikorrent fl-affidavit tieghu jghid hekk:

“Jiena ma ridt irbit ma’ hadd. Dejjem kexkxitni il-kelma zwieg u tfal u jekk konna naqblu f’kollox jiena u C f’din qatt ma qbilna”.

Jghid ukoll:

“Minn hawn u minn hemm cedejt ghall-pressjoni li nipprova nifhem ahjar li thobb mara bhala martek u mhux ohtok, pero’ qatt ma cedejt ghal indhil li fiz-zwieg bilfors irid ikun hemm it-tfal”.

“Meta ghidtilha li bdilt hsiebi xi ftit tghidx kemm ferhet, pero’ kont ghamiltha cara li tfal xejn, inkella ma taranix. Kont nixba’ nara problemi bit-tfal ta’ huti u kont nitkexkex nisma’ il-kelma tfal, ahseb u ara li jkolli tieghi”.

Huwa jghid li dwar dan kien hemm qbil bejn il-koppja.

“C kienet qablet li ma jkollniex tfal basta nizzewgu, u ghalhekk ma rajtx li ghandu jkolli problema. Maz-zmien xorta kont nisma’ l-mistoqsijiet min-naha tal-familjari jekk ghadnix bil-hsieb li tfal xejn u ghalkemm kienu konvinti li xi darba ninbidel, dan m’ghamiltu qatt sal gurnata tal-lum li spiccajna sseparajna minhabba f’hekk ghax la C baqghet qatt ma accettat il-fatt li jiena ma ridtx tfal, kont inweggaghha meta nghid le avolja kienet taf li dak kien il-ftehim taghna”.

Ir-rikorrent baqa’ ta’ din il-fehma anke waqt iz-zwieg. Infatti, skond hu, l-inkwiet beda meta kontra ghal dak miftiehem bejniethom, hi bdiet tinsisti li jkollhom l-ulied. Skond hu, baqa’ ma cediex sakemm iz-zwieg tfarrak ghal kollox.

Ohtu L M, xehdet u kkonfermat illi huha, ir-rikorrenti, minn dejjem esprima maghha l-fehma soda tieghu li ma jkollux ulied. Hi stqarret li, f’certu mument wara li b’certa riluttanza, accetta li jizzewweg, kien qal li “qed jibza’ fl-istess hin ghax il-fatt li bidel fehmtu fuq iz-zwieg kien cert li tfal ma riedx”. Fil-fatt huwa, skond ohtu, kien beza’ li l-

gharusa ma kinitx ser taccetta l-kundizzjoni li ma riedx ulied.

Mal-habib tieghu N O, ukoll kien ammetta li kien dahal ghaz-zwieg b'din il-kundizzjoni.

"Qalli ahna ftehmna li ma jkollniex tfal u ghalhekk kien jinharaq ghax hu zzewweg b'dik il-kundizzjoni. Ghidtlu imma xorta hu u martu riedu jiddeciedu mhux ta' madwaru u qalli li dik l-ikbar problema li hu u martu ghalkemm ftehmu li jibqghu bla tfal, issa mhux jaqblu u daret kontrih u qed tisma' mill-familjari u qed tinjora dak li ftehmu".

L-istess habib jixhed ukoll:

"Qalli li qed ihossu li dahqet bih ghall-fatt li meta ddecidew li jizzewgu u jibqghu bla tfal, ghamlet hekk ghax kienet certa li xi darba kien se jbiddel fehmtu, pero' rajtu deciz li ma jcedix fuq il-kwistjoni tat-tfal".

Hu, ir-rikorrent, H B, hekk stqarr bil-gurament:

"Wara xi jiem qalli li kien tkellem ma' C u qablu li 'l quddiem, jekk jaraw li jmorru tajjeb u jizzewgu, ftehmu li ma jkollhomx tfal ghax ma riedx responsabilita'. Ghidtlu la accettat hi mhux problema ghax maghha kien se jghix u li 'l quddiem jafu jibdlu fehmithom. Naf li xi xhur wara kienu ddecidew li jizzewgu u meta tawna l-ahbar qalulna ukoll li ddecidew li jibqghu bla tfal".

Xehed ukoll missier ir-rikorrenti, li qal hekk:

"Xahar wara l-iehor, fil-kumpanija ta' xulxin, darba gie hdejja u qalli li hu u C qablu li 'l quddiem jizzewgu imma ftehmu ukoll li ma jkollhomx tfal. Frahtlu peress li kien wasal biex ha din id-decizjoni imma ma hadtx pjacir li ma jkollhomx tfal. Kont ga rajt it-tfal tat-tfal l-ohra jikbru u hafna hin fil-kumpanija taghna imma meta kont se nkellmu fuq hekk qalli "Pa tibdiex, dik id-decizjoni hadd m'hu se jdawwarni."

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax li l-intimata u x-xhieda minnha prodotti, ma jsemmu xejn minn dan kollu. Anzi, hi tistqarr li daqskemm xtaqet l-ulied, kienu rrikorrew ukoll ghall-ghajnuna medika. Madanakollu, ma tirribatti xejn mill-hafna xhieda prodotta mir-rikorrent rigward il-fehmiet tieghu. Lanqas ma telabora dwar xi problemi medici kien hemm, jekk kien hemm u x'seta' wassal ghall-bidla ta' fehma min-naha tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrent rnexxielu jipprova li fil-mument taz-zwieg, tassew kien eskluda l-possibilita' li jkollu ulied.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet fid-9 ta' Dicembru 2000, huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------